

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1994

tas-17 ta' Ottubru 2022

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan is-Sottokomitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾ (il-"Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/104 ⁽²⁾, ġie applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Ġunju 2018 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2021.
- (2) Skont l-Artikolu 240(2) tal-Ftehim, is-Sottokomitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (is-"Sottokomitat") għandu jiddetermina r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.
- (3) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed fisem l-Unjoni fi ħdan is-Sottokomitat, fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tiegħu, peress li daww ir-regoli ser ikunu vinkolanti għall-Unjoni.
- (4) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim, jenħtieġ li jiġu adottati r-regoli ta' proċedura tas-Sottokomitat.
- (5) Jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan is-Sottokomitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tkun għaldaqstant ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' dak is-Sottokomitat mehmuż ma' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fi ħdan is-Sottokomitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' dak is-Sottokomitat mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

⁽¹⁾ ĠU L 23, 26.1.2018, p. 4.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/104 tal-20 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra (ĠU L 23, 26.1.2018, p. 1).

Magħmul fil-Lussemburgu, is-17 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES
